Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1215/00

Maltacom p.l.c.

Vs

Pauline Attard

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija, tnejn u erbghin lira Maltija u disgha centezmi (Lm542.09c) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telefon bin-numru 413522 (Klijent numru 4045) skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera' u servizz ta' telefon bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficcjali tat-18 ta'Awissu 1995, tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti ssib it-talba attrici tirrizulta gusitifikata u timmerita konferma; u ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-

konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ hames mija tnejn u erbghin lira u disgha centezmi (Lm542.09c) oltre l-imghax legali b’effett mit-18 ta’ Awissu 1995 .

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg